**Xi spirtu tqil**

Għaddejt minn miegħek
Ħassejtek hekk tqil,
Min jaf x'inqala'
Tgħid ta' denbu twil?

Li f'dal-jiem hekk sbieħ
Jisraqlek il-ferħ?
Taf x'għandek tagħmel
Biex issib is-serħ?

Għalik qed nitlob
Kuljum f'dan is-skiet,
Biex fl-aħħar wiċċek
Ma jibqax irmied.

'Imma jibda' jifraħ
U jifraħ mix-xejn,
Għax aħna x'għandna?
Ħajjitna xibrejn?

U ħalli ngħidlek
'l dawk li ma ġġerraħx,
Huma dawk ħutek
Fid-dwejjaq tibqax.

Forsi dal-Milied
Ikunlek sabiħ,
Għax ħlewwiet Alla
Tidħollok qatigħ.

U mbagħad tissebbaħ
In-nies tifraħ bik,
Ferħ iġġibilhom
Imħabba tagħtik.

Tkun qaddej tajjeb
Bir-riħa tan-nagħaġ,
Barka int tferrex
Bil-gdiedem ma tibqax.

Sebħ 'l Alla l-Għoli
Fis-setgħa tas-sliem,
Ġesù twieled fik
Għalik ferħ bla tmiem.

Patri Mario Attard OFM Cap

22 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.